MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 307/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard Spiteri)**
**(Spt. Martin Sammut)**
**Vs**
**Emanuel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta’ Frar, 2009 ghall-habta ta’ 8.00 a.m. gewwa Triq il-Hawha, San Gwann :

1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;
2. ta fastidju lil Emanuel Calleja;
3. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;
4. ingurja jew hedded lil Emanuela Calleja bil-kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Lulju, 2009, li biha, stante

li mid-data tal-incident (18 ta' Frar, 2009) li fiha setghet tipprocedi din il-kawza (2 ta' Lulju, 2009) aktar minn tlett (3) xhur, iddikjarat il-procedura odjerna preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tiddeciedi l-appell ai termini tal-ligi w tghaddi biex issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' htija tal-appellat;

Semghet lil parti leza Emanuela Calleja;

Rat l-artikoli 338(dd), 251(A), 338(bb), 339(1)(e) tal-Kap. 9, ssib lill-appellat hati skond l-akkuzi, tikkundannah R & A (1)(2)(3)(4) b'dana illi b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9, torbot lill-imputat li ma jimmolestax lil Emanuela Calleja ghal zmien sena taht penali ta' €233.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------